MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2011

Numru. 428/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian J Abdilla)**

**vs**

**Stephen Agius**

**Kumpilazzjoni Nru: 428/2009**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Stephen Agius, ta' 32 sena, bin Louis u l-mejta Monica nee' Galea, imwieled Pieta', fil-5 ta' Gunju, 1976 u li joqghod fil-fond Flat 3, Goel Court, Triq Cassarino, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 308576 (M).

Akkuzat talli fi Frar, 2008 u fil-granet u ix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer.

1. Mexxa biljetti tal-flus falsifikati, liema biljetti tal-flus falsifikati huma ta' flus Euro, meta kien jaf li huma falsifikati;

2. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza leggitima jew ragonevoli xtara jew ircieva minghand xi persuna, kif ukoll kellu fil-pussess tieghu, biljetti Euro falsifikati, meta kien jaf li l-istess huma falsifikati;

3. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, bi hsara ghal istabiliment Intercomp, ghamel xi qliegh iehor b'qerq, liema qerq huwa ta' inqas minn elfejn, tliet mija, u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2, 329.37).

4. B'hekk Stephen Agius sar recediv ai termini ta'l-artikolu 49 u artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta u liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli;

a) 18 tal-Kapitolu 9 u 45 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) 18 tal-Kapitolu 9 u 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

e) 17, 18, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni lil-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma relattivament semplici u ftit li xejn hemm kontestazzjoni dwarhom.

Illi l-imputat kien xtara laptop minghand is-socjeta Intercomp u kien qed ihallas l-prezz permezz ta' pagamenti rateali. Fil-5 ta' Frar 2008 l-imputat mar biex jaghmel wiehed minn dawn il-pagamenti li kien jammonta ghal €88.84; il-pagament sar fi flus kontanti. Il-persuna li rceviet il-flus, certu Daniela Caruana, indunat li mill-flus li ta l-imputat erba' karti ta' ghoxrin Euro setghu kienet foloz. Sar kuntatt telefoniku ma l-imputat u dan immedjatament irritorna ghand l-Intercomp; rinfaccjat b'l-allegazzjoni li dawk il-flus setghu kienu foloz huwa mill-ewwel rega' hallas b' tmenin Euro ohra; il-flus allegatament foloz inzammu mis-socjeta Intercomp u sar rapport dwar l-akkadut lill-pulizija.

Illi r-rapport ghamlu direttur tas-socjeta Intercomp, certu Francis Wirth u kien dan Francis Wirth li kkonsenja l-flus allegatament foloz lill-pulizija; jidher li Daniela Caruana kienet ghaddiet il-flus in kwistjoni lil dan Francis Wirth. Ghandu jigi rilevat li Daniela Caruana giet prodotta bhala xhud; minkejja li fil-perjodu li hija ghamlet tahdem mas-socjeta Intercomp kaz wiehed biss kellha meta xi hadd prova jhallas bi flus foloz, hi ma setghet tiftakar prattikament xejn dwar il-kaz in ezami. Ghandu jinghad ukoll li Francis Wirth ma tressaqx bhala xhud.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ai termini tan-nota tar-rinviju ta'l-Avukat Generali huma li huwa

mexxa biljetti ta' flus falsifikati, li kellu fil-pussess tieghu flus falsifikati, frodi innominata, u li huwa recidiv.

Illi jibda biex jinghad li m'hemm l-ebda dubbju li l-flus li gew konsenjati lill-pulizija u li sussegwentement gew esebiti in atti huma foloz; dan mhux biss jidher mad-daqqa ta' ghajn imma gie konfermat mill-espert nominat ghal dan il-ghan.

Illi pero ma ngibitx prova sufficjenti fil-Ligi li dawn il-flus huma l-istess flus li hallas bihom l-imputat. Huwa hallas lil Daniela Caruana; din ghaddiet il-flus lil xi hadiehor, x'aktarx Francis Wirth. Pero ma tressqet l-ebda prova li l-flus li Francis Wirth ikkonsenja lill-pulizija huma l-istess flus li Daniela Caruana ikkonsenjat lilu wara li hallas bihom l-imputat. Din il-prova facilment setghet issir permezz tad-depozizzjoni ta' Francis Wirth pero dan ma tressaqx bhala xhud.

Illi fin-nuqqas ta' prova sufficjenti fil-Ligi li l-flus esebieti in atti huma dawk li hallas bihom l-imputat tonqos prova fundamentali li fuqha huma bazati l-imputazzjonijiet kollha kontra l-imputat ghaliex l-imputazzjonijiet in kwistjoni gew migjuba kontra l-imputat minhabba l-fatt li huwa kellu f'idejh flus foloz u li uzahom biex ihallas parti mill-prezz ta' dak il-laptop.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom, a tenur ta' l-artikolu 59(3) tal-Kapitolu 204 tordna l-flus esebieti bhala Dokument IJA4 jigu konfiskati u mghodijja lill-Bank Centrali ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------